28 OCT 2026

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 632

It-Tlieta 15 ta' Settembru, 2026

Il-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq iċ-Ċawsli, Ħaż-Żabbar fis-6.25 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Jorge Grech - Sindku
Joseph Buttigieg - Kunsillier
Anna Calleja – Kunsilliera
Martina Baldacchino - Kunsilliera
Toshera Schembri – Kunsilliera
Joseph Agius – Kunsillier
Patrick Barbara – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI

Marc Vella Bonnici – Viċi Sindku
Mark Grech – Kunsillier
Leone Sciberras – Kunsillier
Carlo Scicluna - Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Stephanie Testaferrata de Noto – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI

Is-Sindku ppresieda l-laqgħa.

632.1 Qari tal-ittri t'apoloġiji

632.1.1 Inqraw ittri t'apoloġija mibgħuta mill-Viċi Sindku, mis-Sur Mark Grech, mis-Sur Leone Sciberras u mis-Sur Carlo Scicluna fejn talbu li jkunu skużati milli jattendu għal-laqgħa tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku, is-Sur Mark Grech, mis-Sur Leone Sciberras u mis-Sur Carlo Scicluna jkunu skużati.

632.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

632.2.1 Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni f'paragrafu 631.3.20, billi wara l-aħħar sentenza tiżdied is-sentenza: "Is-Sur Joseph Buttigieg qal li l-Arċipriet ma stieden lil ħadd u kull min ried imur il-Vatikan għat-tberik tal-warda mil-Papa, seta' ħallas u mar." Is-Sindku esprima nuqqas ta' qbil ma' dak li qal is-Sur Joseph Buttigieg dwar il-fatt li l-Arċipriet ma kien stieden lil ħadd, filwaqt li sostna li kien hemm persuni li kienu rċevew stedina.

632.2.2 Il-minuti tas-631 laqgħa ġew approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg li ġiet issekondata mill-Kaptan Patrick Barbara.

632.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

632.3.1 Is-Sindku, f'isem il-Kunsill, irringrazzja lil dawk kollha li kienu nvoluti sabiex il-festa tal-Madonna tal-Grazzja tkun suċċess, kif ukoll lill-ħaddiema ta' *Clean Malta* għall-ħidma tagħhom fit-tindif. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sfortunatament il-purċissjoni tal-Ħadd kellha titħassar u li din minflok kienet ser issir nhar is-Sibt, 19 ta' Settembru 2026. Is-Sindku spjega li kienu għaddejjin taħditiet mal-Arċipriet, mal-pulizija u mal-għaqdiet tal-banda, sabiex minflok il-purċissjoni ssir fuq livell ta' pellegrinaġġ, din issir fuq livell ta' festa, anke fid-dawl tal-arranġamenti relatati man-negozji u man-nar li kien diġà ġie ppreparat. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jerġgħu jinħarġu l-permessi għal tqegħid ta' posti jew kjosks bl-istess kundizzjonijiet li kienu japplikaw għall-Ħadd tal-festa, filwaqt li ma jinħarġux permessi għall-barijiet li jinsabu fir-rotta tal-purċissjoni. Is-Sindku talab ukoll li jittella' avviż fuq il-midja soċjali tal-Kunsill sabiex kull min kellu permess għall-ġurnata tal-Ħadd tal-festa, ikun infurmat li seta' jerġa' japplika għall-permess. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ressaq talba oħra lil *Clean Malta* sabiex tassisti fit-tindif, u li f'każ li din it-talba ma tiġix milqugħa, il-Kunsill kien ser jitlob lill-kuntrattur responsabbli mit-tindif tat-toroq sabiex iwettaq it-tindif meħtieġ wara l-purċissjoni bi ħlas addizzjonali. Is-Sindku kompla jgħid li ma kienx ser jitlob is-servizz tal-*mobile toilets,* u li minflok kien talab lil *Clean Malta* sabiex il-latrini ta' Ġnien il-Kunsill u ta' Triq iċ-Ċawsli jibqgħu miftuħin sa nofsillejl. Is-Sinjura Anna Calleja talbet li jkun hemm servizz ta' sigurtà fil-bandli, u s-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet ser tressaq din it-talba quddiem is-Supretendent tal-Pulizija sabiex tintalab l-assistenza meħtieġa. Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk il-permess relatat man-nar kienx ser jerġa' jiġġedded. Is-Sindku spjega li kien proprju għal din ir-raġuni li kien qed jitlob sabiex il-purċissjoni ssir fuq livell ta' festa minflok fuq livell ta' pellegrinaġġ. Is-Sindku nforma wkoll lill-Kunsill li x-

xogħlijiet ta' restawr tal-Mużew tas-Santwarju kienu mistennija jerġgħu jibdew wara l-festa. Madankollu, peress li l-pellegrinaġġ ġie pospost għas-Sibt 19 ta' Settembru, 2026 huwa kien ser jinforma lill-kuntrattur sabiex ix-xogħlijiet ma jibdewx qabel il-21 ta' Settembru, 2026. Is-Sindku spjega li dan kien meħtieġ kemm sabiex l-armar tal-*iscaffolding* ma jtellifx mid-dehra tal-madwar tal-Mużew tas-Santwarju waqt il-purċissjoni, kif ukoll għal raġunijiet ta' sigurtà, fosthom sabiex jiġi evitat aċċess mhux awtorizzat għall-*iscaffolding,* u permezz tiegħu għall-knisja. Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarkat li minkejja dan, ix-xogħlijiet kellhom xorta waħda jitlestew fiż-żmien stabbilit sabiex ma jkunx hemm riskju li jintilfu l-fondi tal-LESA.

632.3.2 Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Korporazzjoni Enemalta kienet bdiet xogħlijiet relatati mal-bdil tal-*cables* fi Triq Spadaro, Triq Sant'Antnin, Triq ir-Redentur u Triq il-Marloċċ.

632.3.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill dwar proposta ta' kollaborazzjoni mal-*Malta Tax and Customs Administration (MTCA)*, bil-għan li jiġu organizzati sessjonijiet edukattivi u ta' informazzjoni għall-pubbliku dwar suġġetti relatati mat-taxxa u d-dwana. F'dan ir-rigward, is-Sindku nforma lill-membri preżenti, li b'kollaborazzjoni mal-Kunsill, ser issir laqgħa ta' informazzjoni nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Novembru fil-5.30 ta' filgħaxija.

632.3.4 Is-Sindku rrefera għall-komunikazzjoni mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali dwar proposta ta' kollaborazzjoni ma' *Circular Economy Malta* għal proġett pilota għall-ġbir u l-immaniġġjar taż-żejt tat-tisjir użat iġġenerat mid-djar, li għalih mistennija jintgħażlu bejn tlieta u erba' Kunsilli Lokali. Is-Sindku qal, li filwaqt li huwa favur il-prinċipju tal-inizjattiva u jaqbel li tali servizz jiġi pprovdut lir-residenti, kellu ċertu tħassib dwar il-mod kif dan jista' jitħaddem fil-prattika, partikolarment dwar il-possibbiltà li jinħoloq diżordni madwar il-kontenituri, li jkun hemm tixrid taż-żejt mal-art, rimi ta' skart ieħor fil-viċinanzi, vandaliżmu jew saħansitra riskju li l-kontenituri jew iż-żejt jingħataw in-nar. Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa fejn kien ser jitqiegħed il-kontenitur. Is-Sindku għamel referenza wkoll għall-problemi li ġieli jinqalgħu b'rabta mar-rimi tal-iskart u qal li xtaq li l-Kunsill jidħol f'diskussjoni ma' *Circular Economy Malta* sabiex dawn il-punti jiġu ċċarati. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat, li f'dan l-istadju l-Kunsill kien qed jintalab jindika biss jekk għandux interess li jiġi kkunsidrat għall-parteċipazzjoni fil-proġett pilota u li l-espressjoni ta' interess ma kinitx tikkostitwixxi impenn finali. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid, li wara li jingħabar l-interess tal-Kunsilli, tkun tista' issir diskussjoni aktar dettaljata ma' *Circular Economy Malta* dwar l-aspetti tekniċi u operattivi, l-għażla tal-lokalitajiet, il-postijiet fejn jistgħu jitqiegħdu l-kontenituri u l-kampanja ta' informazzjoni lir-residenti. Is-Sindku qal li ma kellux oġġezzjoni li l-Kunsill jesprimi l-interess tiegħu u li kien jaqbel mal-inizjattiva fil-prinċipju, iżda ma kienx jaqbel li jkun hemm diversi kontenituri mqegħda fil-lokalità fuq mudell simili bħat tqegħid tal-*bring-in sites*. Is-Sindku qal li jippreferi li jiġi kkunsidrat mudell fejn ikun hemm żona waħda għall-ġbir jew inkella jiġu pprovduti kontenituri apposta lir-residenti u ż-żejt jingħabar bieb bieb mid-djar. Is-Segretarju Eżekuttiv iċċarat li l-proposta għall-proġett pilota kienet qed tagħti bħala indikazzjoni inizjali, kontenitur wieħed għal kull 2,000 resident. Is-Sindku wera t-tħassib tiegħu dwar sistema simili għal dik tal-*bring-in sites*, b'mod partikolari

minħabba r-riskju ta' rimi ta' skart fil-madwar, tixrid taż-żejt mal-art, atti ta' vandaliżmu u kwistjonijiet oħra marbuta mas-sigurtà, fosthom il-possibbiltà li l-konteniturí jingħataw in-nar. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjorina Martina Baldachino, il-Kunsill qabel unanimament li jesprimi l-interess tiegħu li jiġi kkunsidrat għall-parteċipazzjoni fil-proġett pilota, filwaqt li ġie ċċarat li din l-espressjoni ta' interess ma tikkostitwixxix deċiżjoni jew impenn finali minnaħa tal-Kunsill.

632.3.5 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-korrispondenza li l-Kunsill irċieva dwar talba għal laqgħa sabiex tiġi riżolta l-kwistjoni pendenti relatata mal-kuntratti tal-konteniturí għall-ġbir tal-ħwejjeġ użati fil-lokalità. Fil-korrispondenza ġiet enfasizzata l-urġenza li dawn il-kuntratti jiġu ffirmati sabiex ikunu jistgħu jiġġeddu l-poloz tal-assigurazzjoni, li kienu skadew, u b'hekk tiġi indirizzata l-kwistjoni tar-responsabbiltà taż-żewġ partijiet f'każ ta' xi talba għal kumpens. Intalbet ukoll laqgħa fl-uffiċċjini tal-Kunsill sabiex jiġu ppreżentati proġetti ġodda maħsuba għall-Kunsilli Lokali f'Malta. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jwieġeb għal din il-korrispondenza u jorganizza laqgħa mal-partijiet ikkonċernati sabiex jiġu diskussi l-kwistjonijiet imsemmija.

632.3.6 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-Miżura 3 – *Marketing of the Territory* u ppreżentat lill-Kunsill, għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tiegħu, ir-Rapport ta' Evalwazzjoni tal-Offerti relatat ma' din il-miżura. Fuq proposta tas-Sur Joseph Buttigieg issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill approva unanimament ir-rapport u qabel li jintgħażlu l-orħos offerti kif ġej: l-offerta ta' Alka Ceramics għax-xiri tal-ismijiet tat-toroq taċ-ċeramika għall-prezz ta' €2,832 inkluż il-VAT, bl-installazzjoni inkluża mingħajr ħlas addizzjonali; l-offerta ta' *Spinning Photos* għal żjara virtwali tal-koppla u l-Mużew tas-Santwarju għall-prezz ta' €2,075, eżenti mill-VAT; l-offerta ta' Zaffarese għat-tabella ta' direzzjoni għall-prezz ta' €1,176.46 inkluż il-VAT; u l-offerta ta' Mad Giant Media għall-filmat promozzjonali għall-prezz ta' €255, eżenti mill-VAT.

632.4 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

632.4.1 Fuq proposta tas-Sinjorina Martina Baldacchino li ġiet issekondata mis-Sinjorina Toshera Schembri, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn it-18 t' Awwissu 2026 u l-15 ta' Settembru 2026 li kienet tammonta għal €33,077.53. Is-Segretarju Eżekuttiv talbet lill-membri preżenti japprovaw il-ħlas tal-ispejjeż relatati mal-ikliet tad-delegazzjoni barranija li żaret il-lokalità matul il-festa. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li jiġu approvati l-kontijiet kollha relatati ma' dawn l-ikliet u li l-ħlas tagħhom jiġi inkluż fl-iskeda ta' pagamenti preżenti, sabiex jitħallsu minnufih.

632.5 Devoluzzjoni ta' art fi Triq Felice ma' Triq il-Ħawt

632.5.1 Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li titressaq talba għad-devoluzzjoni tal-art li tinsab fil-kantuniera ta' Triq Felice ma' Triq il-Ħawt, bil-għan li din tiġi żviluppata fi ġnien pubbliku minn *Project Green* jew minn entità governattiva oħra.

632.6 Ħatra ta' Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti;

- Offerti ta' ġbir ta' skart goff (ZLC 3/2026)

632.6.1 Is-Sindku talab li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti ta' ġbir ta' skart goff (ZLC 3/2026). Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff u li dan il-Kumitat għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mis-Sur Marco Cassar, mis-Sur Brian Farrugia u mis-Sur Daniel Galea.

- **Tisbieħ ta'Ġnien il-Mistrieħ (4/2026)**

632.6.2 Is-Sindku talab li jinħatar Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti – Tisbieħ ta' Ġnien il-Mistrieħ (ZLC 4/2026). Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti tax-Xogħol ta' Tisbieħ fil-*Playing Field* Ġnien il-Mistrieħ (ZLC 4/2026) għandu jkun kompost mis-Sindku bħala *Chairperson*, mis-Segretarju Eżekuttiv, mill-Perit Rodney Micallef, mis-Sur Brian Farrugia u mis-Sur Marco Cassar.

632.7 Deċiżjoni dwar il-kuntratti;

- **Tindif ta' Toroq Mhux Urbani ZLC 3/2025**

632.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri tal-Kunsill li l-proċess tal-evalwazzjoni kien għadu mhux komplut. Is-Sindku talab li sakemm jiġi konkluż il-proċess ta' evalwazzjoni, it-tindif tat-toroq mhux urbani jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

632.8 Talba għal rimbors dwar ħsarat fil-vetturi;

632.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ittra legali flimkien ma' ittra separata tar-resident ikkonċernat, dwar ħsarat allegatament ikkaġunati lill-proprjetà tiegħu b'rabta ma' xogħlijiet li saru fi Triq ix-Xgħajra. Fl-ittra legali ntalbet laqgħa sabiex il-kwistjoni pendenti tiġi indirizzata. Is-Segretarju Eżekuttiv iċċarat li x-xogħlijiet inkwistjoni kienu saru minn Infrastruttura Malta u mhux mill-Kunsill, u għaldaqstant il-Kunsill ma kienx responsabbli għat-twettiq ta' dawn ix-xogħlijiet. Is-Sindku qal li l-Kunsill dejjem ħa azzjoni dwar dan il-każ, u li wara li r-resident kien mar jirrapporta l-ħsara, il-każ kien ġie riferut lil Infrastruttura Malta. Is-Sindku żied jgħid li huwa personalment kien ukoll għadda l-ilment lil Infrastruttura Malta. Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li r-resident kien talab li jingħata l-korrispondenza kollha skambjata bejn il-Kunsill u Infrastruttura Malta dwar il-każ tiegħu u li huwa kien infurmah sabiex iressaq din it-talba formalment bil-miktub lill-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni għall-fatt li fil-korrispondenza tar-resident saret referenza għal spezzjoni li allegatament kienet saret mill-Perit tal-Kunsill, u ċċarat li din l-informazzjoni ma kinitx korretta, peress li l-Perit tal-Kunsill qatt ma kien tqabbad sabiex jispezzjona dawn ix-xogħlijiet. Is-Sindku qal li seta' kien il-każ li l-ispezzjoni saret minn perit jew uffiċjal ta'

Infrastruttura Malta. Is-Sindku talab li tintbagħat risposta legali li tiċċara li l-Kunsill qatt ma bagħat lill-perit tiegħu fuq il-post u li l-Kunsill kien talab lil Infrastruttura Malta sabiex tinvestiga l-ħsara allegata mir-resident u tieħu l-passi meħtieġa fir-rigward tat-tiswija jew kwalunkwe rimedju li seta' jkun dovut. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li permezz tal-ittra legali ntalbet ukoll laqgħa sabiex din il-pendenza tiġi indirizzata. Is-Sindku sostna li fir-risposta għandu jiġi ċċarat li x-xogħlijiet ma sarux mill-Kunsill iżda minn Infrastruttura Malta, u li l-irwol tal-Kunsill f'dan il-każ kien biss wieħed ta' medjatur bejn ir-resident u Infrastruttura Malta. Is-Segretarju Eżekuttiv żiedet tgħid, li f'ittra separata, ir-resident talab li jiġi infurmat bil-miktub bid-dati ta' kull meta kien mar fl-uffiċċju tal-Kunsill sabiex jirrapporta dwar dan il-każ. Is-Sindku talab li kopja tal-korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill dwar il-każ tintbagħat lill-avukat tar-resident, madankollu, is-Segretarju Eżekuttiv iċċarat li t-talba tar-resident kienet speċifikament għad-dati li fihom kien mar jirrapporta l-każ u għaldaqstant kellhom jintbagħtu d-dati rreġistrati mill-Kunsill, aktar milli l-korrispondenza kollha. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li tintbagħat risposta legali li fiha jiġi ċċarat li x-xogħlijiet inkwistjoni saru minn Infrastruttura Malta u mhux mill-Kunsill, u li għaldaqstant kwalunkwe laqgħa dwar ix-xogħlijiet u l-ħsarat allegati, għandha ssir mal-uffiċjali ta' Infrastruttura Malta. Il-Kunsill qabel ukoll li r-resident jingħata bil-miktub id-dati li l-Kunsill għandu rreġistrati li fihom huwa kien mar fl-uffiċċju tal-Kunsill sabiex jirrapporta dwar dan il-każ.

632.9 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

632.9.1 Is-Sur Joseph Buttigieg talab li titneħħa t-tabella li tippermetti l-ipparkjar tal-vetturi fuq il-bankina fi Triq il-Mina ta' Hompesch, minħabba l-periklu li kien qed jinħoloq għall-persuni mexjin fuq l-istess bankina. Is-Sindku qal li waqt laqgħa preċedenti tal-Kunsill, kienet saret diskussjoni dwar il-ħtieġa li Transport Malta terġa' twaħħal il-*bollards* fuq il-bankina kif kien hemm qabel, bil-għan li l-vetturi li jipparkjaw, iħallu spazju adegwat sabiex il-persuni mexjin ikunu jistgħu jgħaddu b'mod sigur.

632.9.2 Il-Kaptan Patrick Barbara nforma lill-Kunsill li fi Triq iċ-Ċulqana kien hemm resident li kien qed iqiegħed ġebel taħt il-bankina sabiex jipprevjeni lill-vetturi milli jipparkjaw f'dik iż-żona. Is-Sindku qal li din il-prattika ma kinitx aċċettabbli, u li jekk ikun meħtieġ, għandhom jitwaħħlu *bollards* fuq il-bankina sabiex jiġi evitat l-ipparkjar tal-vetturi.

632.9.3 Is-Sindku talab ukoll li jiġi rranġat arblu mgħawweġ ta' tabella tat-traffiku li jinsab fil-viċinanzi tal-ħanut tal-pastizzi fi Triq Bajada.

632.9.4 Is-Sur Joseph Buttigieg irrefera għaż-żbir li sar fuq siġra li tinsab fi Triq l-Attakk tal-Franċiżi fil-kantuniera ma' Triq iċ-Ċikas. Is-Sur Buttigieg rrimarka li ż-żbir kien sar biss fil-parti t'isfel tas-siġra, filwaqt li l-friegħi fil-parti ta' fuq kienu tħallew mhux miżbura u kienu qed jgħattu d-dawl tat-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntrattur kien diġà ġie avżat sabiex iwettaq iż-żbir meħtieġ ħalli d-dawl tat-triq ma jibqax ostakolat mill-friegħi.

632.9.5 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-kelma "Città" li tidher fuq il-bandiera f' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi kellhiex aċċent jew appostrofu fuq l-aħħar ittra. Is-Sindku ċċara li fuq l-aħħar ittra tal-kelma hemm aċċent.

632.9.6 Is-Sur Joseph Buttigieg ġibed l-attenzjoni għall-ħtieġa li jsir *refresh* taż-żebgħa tal-marki tat-triq fi Triq il-Vittorja. Is-Sindku qal li kien ser jikkuntattja lill-perit sabiex isir stħarriġ taż-żona u jiġu evalwati x-xogħlijiet meħtieġa biex tiġi rranġata t-*traffic island* u ż-*zebra crossing* f'din it-triq.

632.9.7 Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva xi korrispondenza mingħand il-Membru Parlamentari Ewropew Peter Agius b'rabta ma' inizjattiva fil-qasam tal-artiġjanat. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kienet ser tivverifika dwar dan.

632.9.8 Is-Sinjura Anna Calleja ġibdet l-attenzjoni għall-problemi relatati mal-ġbir tal-iskart fil-lokalità, filwaqt li rrimarkat li l-iskart ma kienx qed jinġabar mit-toroq kollha. Is-Sinjura Calleja qalet li kellha lista tat-toroq fejn kien qed jiġi nnutat dan in-nuqqas. Is-Sindku talabha sabiex tgħaddilu din il-lista. Il-Kaptan Patrick Barbara rrimarka li l-ħaddiema responsabbli mill-ġbir tal-iskart mhux dejjem ikunu fuq wara tat-trakk tal-ġbir u semma każ riċenti fejn osserva ħaddiem jiġbor l-iskart waqt li kien qed isuq mutur fuq il-bankina. Il-Kaptan Barbara sostna wkoll li l-Kunsill m'għandux jippermetti li l-ħaddiema igeddsu l-boroż tal-iskart fit-toroq qabel ma dawn jinġabru mit-trakk. Is-Sindku esprima l-qbil tiegħu u spjega li kien regolarment iqajjem dawn l-ilmenti waqt il-laqgħat tar-Reġjun. Is-Sindku ċċara li l-Kunsill ma kellux l-awtorità li joħroġ *default notice* lill-kuntrattur, iżda r-Reġjun kien diġà ħareġ *default notice* u impona multi minħabba nuqqasijiet fis-servizz. Is-Sindku żied jgħid li kien hemm okkażjonijiet fejn huwa rrifjuta li jiffirma l-iskeda ta' pagamenti waqt laqgħat tar-Reġjun minħabba dawn in-nuqqasijiet. Is-Sindku spjega wkoll li l-kuntratt tal-ġbir ta' skart kien jippermetti li l-boroż tal-iskart jidgezzu għal ħin limitat. Is-Sinjura Anna Calleja rrimarkat li kien hemm diversi okkażjonijiet fejn il-boroż tal-iskart kienu qed jinġabru f'munzelli qabel is-7.00 ta' filgħodu, bir-riżultat li l-boroż li jinħarġu mir-residenti wara dak il-ħin ma jinġabrux. Is-Sindku spjega li n-nuqqas ta' ġbir tal-iskart mhux dejjem kien attribwibbli mill-kuntrattur, peress li kien hemm residenti li minħabba l-ħinijiet tax-xogħol tagħhom, ma kinux joħorġu l-boroż tal-iskart skont l-iskeda stabbilita.

632.9.9 Il-Kaptan Patrick Barbara talab aġġornament dwar l-ilment li kien ressaq waqt laqgħa preċedenti tal-Kunsill rigward il-bankina li tinsab maġenb il-*bus stop* "Newl" fi Triq Villabate, li tispiċċa f'nofs it-triq u li warajha hemm spazju għall-ipparkjar tal-vetturi. Il-Kaptan Barbara kien ġibed l-attenzjoni għall-periklu li din is-sitwazzjoni kienet qed toħloq għall-persuni mexjin, peress li dawn kienu kostretti joħorġu fit-triq sabiex ikomplu mexjin. Is-Sindku qal li kienet diġà ntbagħtet korrispondenza lil Transport Malta dwar dan il-każ.

632.9.10 Is-Sur Joseph Agius informa lill-Kunsill li kien ġie organizzat it-tieni kors dwar l-Intelliġenza Artifiċjali għall-anzjani u li kien ta' suċċess. Is-Sur Agius żied jgħid li kellu l-ħsieb li jorganizza kors ieħor dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali dwar l-*ismartphones*.

632.9.11 Is-Sur Joseph Agius informa lill-Kunsill li kienet ser tiġi organizzata attività kulturali għall-anzjani b'kollaborazzjoni mar-Reġjun Port. Huwa ppropona li matul din l-attività jiġi pprovdut ikel u xorb għall-anzjani li jattendu. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jiġi pprovdut dan is-servizz matul l-attività. Is-Sinjura Anna Calleja rrimarkat li wħud mill-anzjani ma kellhomx *tablet* jew *smartphone* personali u għaldaqstant talbet li l-Kunsill jipprovdi *tablets* jew kompjuters. Is-Sindku staqsa kemm-il lezzjoni kienet prevista li ssir. Is-Sinjura Anna Calleja ċċarat li t-talba tagħha ma kinitx sabiex jiġu pprovduti *tablets* għall-użu waqt il-lezzjonijiet, iżda sabiex dawn ikunu disponibbli għall-użu mill-anzjani, kif kien isir fil-passat meta l-Kunsill kien jipprovdi kompjuters għall-użu tar-residenti. Is-Sindku spjega li ma kienx possibbli li tiġi implimentata din il-proposta.

632.9.12 Is-Sur Joseph Agius staqsa jekk f'Ħaż-Żabbar kienx hawn triq imsemmija għal Patri EB Vella. Is-Sur Agius qal li dan kien persuna storiku li kiteb storja dwar Ħaż-Żabbar. Is-Sindku staqsa jekk dan l-indivdwu kienx għadu ħaj u talab lis-Sur Agius iġib aktar infromazzjoni dwar Patri EB Vella.

632.9.13 Is-Sindku rrefera għaż-żjara tad-delegazzjonijiet barranin f'Ħaż-Żabbar matul il-ġranet tal-festa u esprima s-sodisfazzjon tiegħu għall-fatt li l-membri tad-delegazzjonijiet kienu ħadu gost bl-esperjenza tagħhom fil-lokalità. Is-Sindku rringrazzja lil dawk kollha li taw sehemhom fl-organizzazzjoni u lil dawk li akkumpanjaw lid-delegazzjonijiet matul iż-żjara tagħhom. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu saru diskussjonijiet mad-delegazzjoni Franċiża dwar il-possibbiltà li jiġi organizzat proġett ta' skambju taż-żgħażagħ bejn Montgeron u Ħaż-Żabbar b'permezz tal-Programm Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea. Is-Sindku spjega li l-applikazzjoni għall-finanzjament tal-proġett kienet ser titħejja u tiġi sottomessa mill-imsieħba Franċiżi, li jkunu qed jaġixxu bħala l-organizzazzjoni applikanti, filwaqt li Ħaż-Żabbar tipparteċipa bħala organizzazzjoni sieħba fil-proġett.

632.9.14 Is-Sindku rrefera għall-fond ta' €20,000 allokat mir-Reġjun Port għall-organizzazzjoni ta' attività kulturali. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien ikkunsidra li dawn il-fondi jintużaw għall-attività marbuta mal-kommemorazzjoni tal-75 anniversarju mill-Inkurunazzjoni tal-Madonna tal-Grazzja, iżda din l-inizjattiva ma setgħetx titwettaq peress li l-Kunsill ma kienx irċieva risposta dwarha. Is-Sindku fakkar li fl-1 ta' Frar 2027 kienet prevista l-inawgurazzjoni tal-monument tal-Granmastru Ferdinand Von Hompesch u għaldaqstant ippropona li l-fondi msemmija jiġu utilizzati għall-organizzazzjoni taċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni ta' dan il-monument. Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sinjorina Martina Baldacchino, il-Kunsill qabel unanimament li ssir talba lir-Reġjun Port sabiex il-fond ta' €20,000 allokat minnu jintuża biex ikopri l-ispejjeż relatati mal-organizzazzjoni taċ-ċerimonja tal-inawgurazzjoni tal-monument ta' Ferdinand Von Hompesch.

632.9.15 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri preżenti li ż-żjara ta' delegazzjoni mill-Kunsill Lokali Ħaż-Żabbar f'Montgeron, Franza, li kienet prevista li ssir bejn it-2 u l-4 ta' Ottubru 2026 fuq stedina li kien irċieva l-Kunsill, kienet ġiet posposta għal Diċembru 2026 fuq talba tar-rappreżentanti Franċiżi.

632.10 Mozzjonijiet

632.10.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

632.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;

632.11.1 Is-Sindku ppropona li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill issir nhar it-Tnejn, 12 t' Ottubru 2026, fis-6.00 ta' filgħaxija. Is-Sindku informa lill-membri preżenti li f'dik id-data kien ser ikun imsiefer u għaldaqstant talab li ssir talba formali lid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali sabiex tinkiseb l-awtorizzazzjoni meħtieġa biex ikun jista' jipparteċipa fil-laqgħa *online*. Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sur Joseph Agius, il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 12 t' Ottubru 2026, fis-6.00 ta' filgħaxija.

631.11.2 Il-laqgħa spiċċat fis-7.35 ta' filgħaxija.

IFFIRMATI
Stephanie Testaferrata de Noto
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fis-634 laqgħa li saret nhar it-Tlieta 27 t' Ottubru, 2026.

IFFIRMATI
Jorge Grech
Sindku